**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Renald Rotin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Renald Rotin ta' 41 sena, bin Mario Rotin u Salvina Rotin xebba Agius, imwieled Pieta', fi 3 t' April 1980, residenza 110A, Karrejja, Triq il-Marlocc, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita numru 225780M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju 2021 ghall-habat ta' nofs in-nhar (12:00hrs), minn gewwa Vjal Kottoner, Fgura: -

1. Ikkommetta serq ta' oggetti, minn vettura tal-għamla Toyota Tercel, bi numru ta' registrazzjoni EBI283, liema serq huwa aggravat bil-mezz u xorta tal-ħaga misruqa, u dan għad-detriment ta' Anthony Mizzi u/jew persuni oħra;

U kif ukoll talli nhar it-28 ta' Marzu 2021 bejn nofs il-lejl (00:00) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs), minn gewwa triq l-Arkata, Paola: -

2. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti oħra, minn vettura tal-għamla Ford Connect, bi numru ta' registrazjoni BGV449, liema serq huwa aggravat bil-mezz u xorta tal-ħaga misruqa, u dan għad-detriment ta' Saeid Tlas u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara f'vettura ta' l-ghamla Ford Connect, bin-numru tar-registrazzjoni BGV449, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (€250) u dan ghad-detriment ta' Farhan Tlass u/jew Saeid Tlas u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghun mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-impuotat lest li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 271(g), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq amissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghoti.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**